MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 212/2005

**Master Distributors Limited (C-2837)**

**Vs**

**Jason Briffa u Stefania Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' April 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti solidament u indivisament bejniethom ihallsu s-somma ta' Lm3,237.42 (tlett elef, mitejn u sebgha u tletin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata fl-1 t'Awissu 2003 u diversi dati qabel, kif jidher mill-istatement anness Dok A. Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri interpellatorji tat-12 ta' Lulju 2004 u bl-imghax legali mill-1 t'Awissu 2003 data ta' l-ahhar

konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Stefania Briffa fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici in kwantu dedotta fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta’ attrici stante illi l-eccipjenti Stefania Briffa mhijiex il-legittima kontradittrici, ma kellha u m’ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew guridika mas-socjeta’ attrici u s-socjeta’ attrici qatt ma bieghtilha u kkonsenjatilha ebda merkanzija. Fil-fatt, is-socjeta’ attrici kienet iffirmat skrittura ossija ftehim datat 1 ta’ Lulju, 2002 unikament mal-konvenut l-iehor Jason Briffa u l-eccipjenti Stefania Briffa ma kienetx parti ghal dan il-ftehim (vide Dok A)

2. Illi wkoll it-talba attrici kif dedotta u cioe’ sabiex l-eccipjenti Stefania Briffa u l-konvenut l-iehor Jason Briffa jigu kkundannati biex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma minnha reklamata *“solidalment u ndivizament”* bejniethom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti Stefania Briffa qatt ma assumiet ebda obbligi ta’ indivizibilita’ u solidarjeta’ flimkien mal-konvenut l-iehor Jason Briffa fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

3. Illi l-eccipjenti Stefania Briffa m’ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici, ma tirrispondix ghal kwalsiasi debiti li setghu talvolta gew kuntrattati mas-socjeta’ attrici minn zewgha Jason Briffa stante illi r-regim patrimonjali ta’ bejniethom huwa regolat bis-sistema tas-separazzjoni tal-beni (vide kuntratt datat 14 ta’ Marzu, 2001 in atti Nutar Robert John Muscat – Dok B) u l-konvenut l-iehor Jason Briffa huwa unikament responsabbli ghal kwalisiasi debiti li talvolta huwa seta’ ikkuntratta fil-gestjoni tal-hanut ‘Desert Rose’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'xi zmien il-konvenuti kienu jiggestixxu hanut f'Bugibba taht l-isem *'Desert Rose'* u fl-1 ta' Lulju 2002 il-konvenut Jason Briffa dahal fi ftehim mas-socjeta' attrici sabiex din ta' l-ahhar tfornilu merkanzija bi prezzijiet stabbiliti (fol 11). Jidher illi n-negozju tal-konvenuti ma tantx mar sew u ghal habta ta' Awissu 2003 waqfu l-pagamenti. Gie esebit *statement* mis-socjeta' attrici li juri *"transaction history"* bejn il-21 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Awissu 2003. Bhala *"quantum"* ma jidhirx li dana huwa kkontestat minn Stefania Briffa. Rigward il-konvenut Jason Briffa minkejja li fil-verbal ta' l-20 ta' Gunju 2006 huwa nghata terminu ta' tletin gurnata sabiex jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, dawn baqghu mhux pprezentati u ghalhekk Jason Briffa hu issa kontumaci.

Fi zmien l-iffirmar tal-ftehim fuq imsemmi kienet diga' tezisti bejn il-konjugi Briffa s-separazzjoni tal-beni skond kuntratt in atti Nutar Robert John Muscat tal-14 ta' Marzu 2001 (fol 13). Ghalhekk kif tajjeb qalet il-konvenuta Stefania Briffa ma kellhiex titqies bhala l-legittima kontradittrici fin-negozju illi sar bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut Jason Briffa. La r-regim tal-kominjoni ta' l-akkwisti ma kienx jezisti f'dak iz-zmien tan-negozju, quindi ta' dan ghandu jkun responsabbli esklussivament il-konvenut Jason Briffa. Jidher pero' illi s-socjeta' attrici tippretendi li l-konvenuta Stefania Briffa kellha tkun responsabbli peress li kienet tiffirma xi cekkijiet illi jghaddu lis-socjeta' attrici. Xi whud minnhom kienu jissarfu, ohrajn le.

Noel Debattista illi f'dak iz-zmien kien *"sales representative"* tas-socjeta' attrici llum *"area manager"* filwaqt illi jikkonferma li Stefania kienet tiffirma xi cekkijiet, qal ukoll li kienet qaltlu *"diment illi hemm hi ma kellniex ninkwetaw fuq pagamenti."* Dan id-diskors qed jigi interpretat mis-socjeta' attrici bhala assunzjoni ta' dejn ukoll da parti ta' Stefania Briffa.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Kif gia nghad, fil-mument ta' l-iffirmar tal-ftehim bejn Jason Briffa u s-socjeta' attrici fl-1 ta' Lulju 2002 ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Briffa ma kienx ghadu vigenti u ghalhekk kull parti setghet tintrabat f'obbligazzjonijiet kuntrattwali minghajr ma taffetwa l-parti l-ohra. Jidher illi l-formalitajiet legali ghal tali separazzjoni gew osservati bil-pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku wara d-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla u ghalhekk ghal fini ta' terzi dak il-kuntratt ghandu kull effett legali u ma jistax jitfa' dell fuq Stefania Briffa ghal xi obbligazzjonijiet kuntrattwali illi seta' ghamel zewgha Jason wara l-pubblikazzjoni ta' l-att fuq imsemmi. Dan jidher illi huwa accettat mis-socjeta' attrici meta ppruvat iddahhal ukoll lill-konvenuta Stefania Briffa fl-obbligazzjonijiet kuntrattwali stante l-iffirmar tac-cekkijiet min nahha taghha. Il-Qorti taghmilha cara pero' illi dawn il-firem ma jfissrux assunzjoni ta' dejn.

Kif qalet il-kawza <u>Bonnici vs Cauchi Carter</u> deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1986 *"billi gieli rcieva cekks ghal hlas tal-merkanzija konsenjat minghand l-istess nies pero' ghan-nom ta' socjeta' ohra ma jfisser xejn. Ghall-attur l-importanti kien illi setghu jissarfu...."* Sakemm ic-cekkijiet kienu qeghdin jissarfu ghas-socjeta' attrici ma kienetx ser taghmel differenza min mill-konjugi kien sejjer jiffirmahhom u lanqas issa f'dan l-istadju ma jista' jimputa xi responsabbilta' fuq il-konvenuta Stefania Briffa ghal dejn illi dahal fih zewgha Jason.

Fil-kawza <u>Catania vs Degiorgio</u> (Vol LXII pt ii pg 928) il-Qorti qalet *"jekk ikun kaz ta' persuna li toffri ruhha li thallas minflok id-debitur jekk dan ma jhallasx, dik l-offerta ma tammontax ghan-novazzjoni, offerta simili tista' tohloq biss fidejussjoni u mhux assunzjoni ta' dejn b'liberazzjoni tad-debitur principali; u dan apparti l-invalidita' ta' dik l-offerta bhala fidejussjoni jekk ma tkunx saret bil-miktub."*

Bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta Stefania Briffa ma hemm xejn bil-miktub u lanqas ma rrizulta illi l-konvenuta b'xi mod assumiet id-dejn ta' zewgha Jason. Biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min

jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta’ dejn la mhux tieghu ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn (Vol XXXI pt iii pg 257). Ghalhekk il-Qorti ma ssibx illi l-argument tas-socjeta’ attrici ghandu xi sostanza legali. Imkien ma rrizulta li Stefania Briffa assumiet xi dejn ta’ zewgha Jason u billi ffirmat xi cekkijiet ma jfissirx illi b’daqshekk assumiet tali dejn. Quindi l-Qorti jidrilha fir-relazzjonijiet guridici bejn is-socjeta’ attrici u Jason Briffa l-konvenuta Stefania Briffa hija ghal kollox estranea u ta’ dawn ir-relazzjonijiet ghandu jibqa’ responsabbli l-konvenut Jason Briffa.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Stefania Briffa u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lil Jason Briffa wahdu illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3,237.42 (tlett elef, mitejn u sebgha u tletin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali dovuti lis-socjeta’ attrici ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata bejn il-21 ta’ Settembru 2002 u l-1 t’Awissu 2003.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut Jason Briffa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------